MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 52/2005

**Marija Mifsud**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Prim' Ministru bhala Kap tal-Gvern ta' Malta**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Maria Mifsud fejn gie premess:-

Illi hija propjetarja tal-fond 4 u 5 Sqaq Numru 1, Triq Laqxija, B' Kara.

Illi din il-proprjeta' taghha giet mehuda mill-Gvern, imwaqqa' u flokha tela bini tal-Gvern li gie moghti lil terzi.

Illi l-propjeta taghha giet mehuda mill-Gvern b'titolu ta' Dominju Pubbliku u nghataw 'il-kumpens' mizeru ta' tmien liri maltin u erbghin centezmu (LM8.40) fis-sena.

Illi r-rikorrenti m'accettatx dan il-kumpens, izda l-Bord ta' l-Arbitragg Dwar Artijiet, f'sentenza tat-13 ta' Settembru 2002 (Dok A) ikkonferma tali kumpens ta' Lm8.40 fis-sena.

Illi l-propjeta' tar-rikorrenti tiswa ferm aktar mill-kumpens moghti mill-awtoritajiet civili u t-tehid tal-propjeta taghha b'dan il-mod imur kontra d-drittijiet fundamentali taghha kif rikonoxxuti mill-artikolu 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-ligi li a bazi taghha giet esproprijata l-propjeta tar-rikorrenti u cioe' l-Ordinanza Dwar Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (KAP 88) tikser l-imsemmija drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghalhekk hija invalida.

Ghal dawn ir-ragunjiet ir-rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li l-agir u l-mizuri mehudha mill-intimati inkluzi n-nuqqas ta' kumpens adegwat jiksru l-artikolu 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u li l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88) jew parti/partijiet minnha jiksru l-artikolu 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk hija invalida. Ir-rikorrenti qed titlob ukoll li jigi ordnat lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu dak il-kumpens xieraq lir-rikorrenti u li jinghataw dawk l-ordnijiet u direttivi xierqa skond il-ligi u c-cirkostanzi tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-intimati

Rat ir-risposta tal-intimati fejn gie sottomess:-

Illi ma jissussisti ebda ksur ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja stante li l-Kap 88 – li huwa l-legizlazzjoni li qed tigi attakkata f'dan ir-rikors – gie promulgat bhala rizultat tad-dritt legittimu ta' l-Istat Malti li jikkontrolla l-uzu ta' kwalunkwe proprjeta' fil-pajjiz fl-interess pubbliku.

Illi fil-fatt, it-tieni subinciz ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol jenfasizza illi - "Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."

Illi fil-kaz odjern il-Gvern zamm fil-parametri ta' l-Ewwel Protokol fuq imsemmi u proprju ezercita d-dritt tieghu rikonoxxut fl-istess Protokol li jutilizza l-proprjeta' in kwistjoni fl-ahjar interess tas-socjeta', u ergo fl-interess generali tal-pajjiz.

Illi rigward l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan jipprovdi li meta jkun hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta proprjeta', allura tali tehid jew akkwist jista' jitwettaq basta l-kundizzjonijiet elenkati fis-subinciz (a) sa (c) ta' l-istess artikolu jigu mharsa. Ghaldaqstant ma jissussisti ebda ksur ta' dan l-artikolu. Ghall-istess raguni, ma jista' jissussisti ebda ksur ta' l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, l-intimati jhossu li l-konkluzjoni ghandha tkun li l-Kap 88 zgur li ma jmurx kontra l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, u wisq anqas ma jista' jinghad illi huwa kollu kemm hu invalidu, kif qed jigi allegat fir-rikors promotur.

Ghalhekk l-intimati qed jitolbu li dan ir-rikors jigi respint bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

Semghat lix-xhud prodott mir-rikorrenti.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-intimati

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-intimati.

Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Ir-rikorrenti Maria Mifsud tippremetti hi l-propjetarja tal-fond 4 u 5 Sqaq Numru 1, Triq Laqxija, B' Kara, liema proprjeta' giet esproprjata mill-Gvern, giet imwaqqa' u flokha sar bini tal-Gvern li, skond ir-rikorrenti, gie moghti lil terzi. Ir-rikorrenti tkompli tippremetti li l-imsemmi fond ittiehed b'titolu ta' Dominju Pubbliku u nghata 'il-kumpens, definit "miseru" mir-rikorrenti, ta' tminn liri maltin u erbghin centezmu (LM8.40) fis-sena. Dan il-kumpens ma giex accettat mir-rikorrenti pero' l-Bord kompetenti, cioe' l-Bord ta' l-Arbitragg Dwar Artijiet, b'sentenza tat-13 ta' Settembru 2002 ikkonferma l-imsemmi kumpens kif gia moghti. Skond ir-rikorrenti l-imsemmija proprjeta' taghha tiswa ferm aktar mill-kumpens kif moghti u kkonfermat.

Ir-rikorrenti, ghalhekk, tallega li t-tehid tal-propjeta in kwestjoni imur kontra d-drittijiet fundamentali taghha kif protetti mill-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem . Ir-rikorrenti jssostni ukoll li l-ligi, li a bazi taghha giet esproprijata l-propjeta tar-rikorrenti u cioe' l-Ordinanza Dwar Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (KAP 88) ukoll tikser l-istess drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghalhekk hi invalida. Kwindi r-rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li l-agir u l-mizuri mehudha mill-intimati inkluz in-nuqqas ta' kumpens

adegwat jiksru l-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Inoltre r-rikorrenti qed titlob li jigi ukoll dikjarat u li l-imsemmija Ordinanza (Kap.88) jew parti jew partijiet minnha jiksru l-istess artikoli u konsegwentement hi invalida. Kwindi r-rikorrenti qed titlob li l-intimati, jew min minnhom, jigu ordnati jhallsu l-kumpens xieraq lir-rikorrenti.

L-intimati rrispondew li l-Kap.88 gie promulgat bhala konsegwenza tad-dritt ta’ l-Istat Malti li jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta’ fil-pajjiz fl-interess pubbliku. L-intimati, hawnhekk, ghamlu referenza ghal dak li jipprovdi t-tieni subinciz ta’ l-ewwel artikolu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Europea u cioe’ li l-istess artikolu bl-ebda mod ma jista jitqies li jnaqqas id-dritt ta’ Stat li jaghmel ligijiet biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta’ skond l-interess generali. L-intimati jsostnu ukoll li huma agixxew fil-parametri tal-imsemmija ligi. Dejjem skond l-intimati f’dan il-kaz ma jissussisti ebda ksur tal-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta’ fatt**

Ir-rikorrenti Maria Mifsud tikkonferma li hija wirtet il-fond ossia ż-żewġ postijiet in kwestjoni mingħand il-ġenituri tagħha. Dawn il-postijiet għaddew f’idejn l-awtorità kompetenti taħt titolu ta’ pussess u użu, u sussegwentament saret dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta’ Dicembru 1984 (fol 29) illi dawn il-postijiet huma meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti għal skop pubbliku u illi l-akkwist għandu jsir permezz ta’ dominju pubbliku u mhux pussess u użu. Jidher li fejn kien hemm dawn iz-zewg postijiet inbena housing estate u saru t-toroq konnessi mal-istess zvilupp. Hu ovvju li d-djar inkluzi fl-imsemmi housing estate inghataw u qed jintuzaw minn terzi.

Sussegwentement ghal fatt li z-zewg postijiet ittiehdu taht it-titolu ta’ dominju pubbliku r-rikorrenti ma aċċettatx il-kumpens offert u saru l-proceduri quddiem il-Bord Dwar

Arbitragg ta' Artijiet li ddecieda li l-kumpens li ghandu jinghata huwa dak offert u cioe' Lm8.40 fis-sena. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti tilmenta illi tali kumpens ta' Lm8.40 fis-sena mhux adegwat u ssostni li ġew vjolati d-drittijiet proprjetarji taghha kif protetti bl-artikolu 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem.

Perit prodott mir-rikorrenti kkonferma li l-fond mertu ta' din il-kawża f'Ottubru 2000 kellu il-valur kummerċjali ta' Lm20000. Dan l-istess perit xehed fit-2008 u waqt li kien qed jixhed huwa kkonferma li fil-mument li kien qed jixhed, skond hu, il-valur irdoppja.

L-Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Artijiet ikkonfermat bil-gurament li bil-bidu l-fond gie esproprjat b'titolu ta' "possession and use", u sussegwentement dan it-titolu inbidel u l-fond in kwestjoni ttiehed bit-titolu ta' dominnju pubbliku. Meta t-titolu kien ta' pussess u uzu inghata lir-rikorrenti kumpens fil-forma ta' kera ta' sitt liri fis-sena, pero' meta sussegwentament it-titolu li bih itiehed il-fond sar wiehed ta' dominju pubbliku, il-kumpens żdied b'erbghin fil-mija (40%) u cioe' zdiet għal tmien liri u erbghin centezmu (Lm8.40). In effett il-Bord tal-Arbtragg tal-Artijiet ikkonferma il-kumpens ta' Lm8.40. Il-kuntratt relattiv qatt ma gie iffirmat ghax is-sid rikorrenti irrifjutat li tiffirmah.

Fil-fatt jirrizulta li ma nbnewx appartamenti minflok il-fond in kwestjoni, kif qed tallega r-rikorrenti, izda fejn kien l-istess fond issa hemm triq li sservi l-housing estate in kwestjoni kif jirrizulta mill-pjanti dokument AXX u AXX1 (fol.56 u 57)

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

L-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, invokat mir-rikorrenti, jahseb biex jipprotegi d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem rigwardanti t-tgawdija tal-proprjetà. Hekk ukoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li fis-sub-artkolu 1 tieghu jipprovdi – "Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma ghandha tittiehed pussess taghha b'mod

obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta’ ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b’mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta’ ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta’ pussess jew akkwist.” Hemm ukoll provdut li jrid ikun hemm dejjem hlas ta’ kumpens xieraq meta tittiehed xi proprjeta’ minnghand cittadin.

L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem jipprovdi - “Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.” L-istess artikolu, li ukoll gie invokat mir-rikorrenti, jkompli jipprovdi – “The preceding provisions shall not however, in any way impair the right of state to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.”

L-analiżi li teħtieġ li ssir, f’din is-sentenza, hija jekk it-teħid tal-proprjetà tar-rikorrenti sarx taħt kondizzjonijiet li jħarsu d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea..

Il-prinċipji li jemerġu mill-imsemmija artikoli tal-Kostuzzjoni u tal-Konvenzjoni ċitati huma li kull persuna għandha d-dritt ta’ proprjetà, pero’ hemm ukoll limitazzjonijiet ghal l-istess dritt ta’ proprjetà. L-istat għandu dritt jieħu pussess ta’ proprjetà privata fl-interess pubbliku sakemm ikunu osservati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi. Fil-presenti kawża minn banda wahda r-rikorrenti tilmenta li ġie lez id-dritt ta’ propjeta’ meta hi ġiet privata mill-proprjeta` taghha u inoltre tilmenta li nghatat kumpens inadegwat u mill-banda l-ohra hemm id-dritt tal-Istat, sancit ukoll mill-ligi, li jista’ jieħu pussess ta’ proprjetà pero’ bil-kondizzjoni tal-ħlas ta’ kumpens xieraq u li t-tehid ikun sar fl-interess pubbliku.

Sabiex it-tehid ta’ proprjetà minn awtorità pubblika ikun kif trid il-liġi, irid ikun sar għal “skop pubbliku” (skond l-imsemmija Ordinanza u “fl-interess pubbliku” skond il-Konvenzjoni. Ghalhekk jekk it-tehid ma jkunx għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku l-istess tehid jkun sar bi ksur tal-liġi. Hu stabbilit li meta jiddetermina x’inhu fl-“interess pubbliku,” l-Istat għandu diskrezzjoni wiesgħa. Il-Qorti Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem dan issejjahlu “a wide margin of appreciation” (Sporrong u Lönnroth versus l-Isvezja - 29 ta’ Gunju 1982). Il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel riferenza għal dan fis-sentenza taghha tat-3 ta’ Marzu 2011 fil-kawża fl-ismijiet “Avukat Dottor David Tonna pro et noe et v. Kummissarju tal-Artijiet.”

Il-fatt li l-Istat għandu d-dritt li jiehu proprjeta ta’ individwu b’mod furzat, skond il-ligijiet tal-pajjiz meta hemm involut interess pubbliku, jidher li hu ukoll rikonoxxut mir-rikorrenti. Jista jinghad, pero’, li jirrizulta illi dan it-teħid tal-proprjetà tar-rikorrenti fil-fatt sar fl-interess ġenerali. In effett ir-rikorrenti mhux tikkontesta dan anke minħabba li l-housing estate li nbena u t-triq li l-Gvern ghadda minnflok il-fondi in kwestjoni saret certament fl-interess pubbliku. F’dan l-istadju pero’ ghandu jigi osservat li d-dritt tal-Istat li jieħu proprjetà tal-individwu fl-“interess ġenerali” ghandu ukoll certi limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet. L-istat għandu jagixxi b’mod li jirrispetta l-ligijiet tieghu stess u dan ukoll skond l-imsemmi sub-artikolu tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. F’każ ta’ teħid ta’ proprjetà, bħalma ġara fil-kawża odjerna, għandu dejjem jingħata kumpens xieraq.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-interpretazzjoni li l-Qorti Europea tat lill-imsemmi l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti Ewropea introduċiet il-kunċett tal-“ fair balance between the general interest of the community and the applicant’s right to the peaceful enjoyment of his possessions.” Hu issa assodat li sabiex jista jinghad li l-istat osserva l-Konvenzjoni fit-tehid ta’ xi proprjeta’  mhux biss irid jipprova li huwa agixxa b’ mod legali u fl-interess pubbliku, imma ghandu ukoll juri li waqt dan l-ezercizzju ta’ teħid ta’ proprjetà huwa, cioe’ l-Gvern, irid ikun zamm bilanc ġust bejn il-

htigijiet tas-socjeta' u r-rispett dovut lejn id-dritt tal-proprjetà tal-individwu. Jekk l-individwu jkun sofra b'mod disproporzjonat u eccessiv allura jkun hemm nuqqas ta' bilanc bejn l-interessi tal-kommunita u tal-individwu. .

Dan l-ekwilibriju jitqies li nkiser kull meta c-ċittadin jista jinghad li huwa "bore an individual and excessive burden" (Hentrich 22 ta Settemdru 1994). Dan l-ekwilibriju ġie imsejjaħ ukoll "grad ta' proporzjonalità" bejn min ikun sofra l-privazzjoni tal-proprjetà u l-interessi tal-bqija tas-soċjetà. Kwindi, biex il-privazzjoni tal-proprjetà ma tivvjolax l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jrid jintlahaq rapport raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit, ekwilibriju ġust bejn l-interess ġenerali u dak tal-persuna b'mod li jiġi evitat lill-individwu oneru partikolarment pesanti u eżorbitanti. Il-Qorti Ewropea irriteniet ukoll li l-Istat għandu diskrezzjoni meta jiddetermina xi jfisser "l-interess ġenerali" pero' huwa fondamentali li hawnhekk ukoll jintlaħaq bilanċ bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tal-individwu. Mill-banda l-oħra, "jekk bil-liġijiet tiegħu l-Istat jikkontrolla l-użu tal-proprjetà u meta jagħmel dan jiddisturba b'mod sostanzjali u gravi lill-individwu fit-tgawdija tal-possedimenti tiegħu, b'mod li jipprivah mit-tgawdija paċifika tagħhom, allura jkun qed jivvjola dan id-dritt fondamentali u jeħtieġ jirrimedja għal tali vjolazzjoni. (Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' April 1996, "Duminku Mintoff et vs Prim Ministru et).

Fil-kawża odjerna il-bini tal-attrici twaqqa u ma ghadux jezisti u floku ghaddiet triq. Peress li ghaddiet triq m'hemmx dubbju li t-teħid tal-proprjetà sar għal skop pubbliku. Kif gia rilevat, il-kwestjoni jekk il-fond ittehidtx ghall-skopijiet pubblici mhux qed tigi sollevata mir-rikorrenti. In effett f'din il-kawza ir-rikorrenti qed titlob li din il-Qorti tiddeċiedi jekk inzammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ta' proprjetà tar-rikorrenti, meta r-rikorrenti ngħatat il-kumpens li nghatat. Ir-rikorrenti tikkonsidra bhal "mizeru" il-kumpens moghti lilha. Sabiex dan it-teħid ta' proprjetà ikun jista jigi gudikat bhala leġittimu irid ikun hemm ukoll ħlas ta' kumpens xieraq kif, in effett, trid il-Kostituzzjoni u ukoll ghandu jkun hemm proporzjon u bilanc bejn l-interessi tas-socjeta' u l-nteressi

tar-rikorrenti li giet privata mill-proprjeta' taghha u mit-tgawdija tal-istess proprjeta'. Bit-tehid tal-fond tagha r-rikorrenti zgur li sofriet inkonvenjent.

Il-Perit inkarikat mir-rikorrenti vvaluta l-fondi in kwestjoni fis-somma ta'Lm20,000 jew 46,587 euro. Ma saret ebda prova da parti tal-intimati ta' kemm jistghu jiswew l-istess fondi. Jidher ghalhekk li l-imsemmija stima li ghamel il-perit imqabbad mir-rikorrenti ma gietx kontestata u ghalhekk tista tittiehed bhala il-valur gust taz-zewg fondi in kwestjoni.

Hawnhekk irid jigi kkonsidrat li l-istess fondi ttiehdu fuq titolu ta dirett dominju u mhux b'xiri assolut. Jista ukoll jigi ribadit li ghall-ewwel il-fond ittiehed taht titolu ta pussess u uzu u sussegwentement, ghal xi raguni li ma tirrizultax, il-fondi ttiehdu b'titolu ta dirett dominju. Ghall-ewwel ir-rikorrenti nghatat kumpens ta' Lm6 fis-sena u sussegwentement inghatat il-kumpens tas' Lm8.40 fis-sena.

Il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti d-dritt lill-Gvern li jista jiehu minnghand il-privat proprjeta b'mod obbligatorju kemm b'akkwist dirett, kif ukoll b'titolu ta pussess u usu u b'titolu ta' dirett dominju. Fil-kaz tal-ahhar zewg titoli l-Gvern ikun obbligat li jhallas, bhala kumpens, lis-sid li jkun gie espropprjat somma fis-sena u mhux il-hlas ta' somma ekwivalenti ghal valur tal-immobbli li jkun ittiehed bhal meta t-titolu, li bih ikun gie akkwistat il-fond, ikun b'xiri assolut. Il-Qorti jidhrilha li meta jigi esproprijat fond biex sussegwentement jitwaqqa u minnfloku ssir triq jew anke sabiex minnfloku jinbena housing estate l-espropju ghandu jkun b'titolu ta' xiri assolut. Meta jitwaqqa l-fond esproprijat u minfloku ssir triq tispicca l-possibilita' li dan il-fond jista xi darba jerga jinghata lura lis-sid. Jekk tinghata somma fis-sena din qatt ma tista titqies li hi kumpens xieraq b'mod specjali meta, bhal fil-kaz in esami, jinghataw ftit euro fis-sena. Il-fond esprropjat gie mwaqqa u ghalhekk, jista facilment jinghad, li l-istess fond ittiehed b'mod permanenti mill-pussess tar-rikorrenti u kwindi ma jistax jitqies, semplicement, li l-Istat, f'dan il-kaz, kien qed jikkontrolla l-uzu tal-proprjetà. Anke kieku il-hlas annwali

offert jigi kapitalizzat bl-aktar mod vantaggjuz, il-kumpens moghti ma jista qatt jigi konsidrat bhala wiehed adegwat.

Meta l-immobbli esproprjat jigi distrutt kumpens fil-forma ta’ hlas ta’ somma zghira annwalment ma jistax jitqies li hu bizzejjed sabiex jintlahaq il-bilanc mehtieg bejn l-interessi tal-Istat u dawk tal-Individwu. Meta jitqabblu s-somma offerta u l-imsemmija stima, wieħed mal-ewwel josserva illi l-kumpens offert ta’ Lm8.40 fis-sena mill-Kummissarju tal-Artijiet  hu wiehed zgħir ħafna u bl-ebda mod ma jista’ jitqies bħala kumpens xieraq. Il-kumpens li jitħallas meta tittieħed il-proprjeta` hu fattur determinanti biex jiġi stabbilit jekk ġietx osservata l-liġi u jekk inzammx il-bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali. Fin-nuqqas ta’ kumpens xieraq, jiġi dikjarat illi fil-kaz in esami ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-proprjetà tar-rikorrenti a bazi tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

La darba jirriżulta ksur tad-dritt fondamentali, għaliex ma kienx hemm il-ħlas tal-kumpens xieraq, għandu jingħata rimedju lir-rikorrenti għat-teħid ta’ pussess li ġarrbet. Il-mezz ta’ rimedju fil-kawża odjerna huwa proprju l-ħlas ta’ kumpens sabiex b’xi mod ikun hemm kumpens ghall-lezjoni fid-drittijiet taghha li sofriet ir-rikorrenti. Dan il-kumpens ser jerġa jsib dak il-bilanċ ġust bejn l-interessi tar-rikorrenti u dak tal-komunità u jitneħħa l-piż sproporzjonat fuq ir-rikorrenti li soffriet il-vjolazzjoni.  Fis-sena 2000, il-postijiet ġew stmati għall-valur ta’ Lm 20,000. Jigi puntwallizzat li bil-presenti mhux qed jinghata kumpens ghall-espropju tal-fond izda qed jinghata kumpens ghal-lezjoni td-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Ghalhekk hu zgur li m’ghandux jinghata kumpens li jirrappresenta l-valur tal-immobbli in kwestjoni. Il-kumpens li ser jinghata possibilment jista jerga jirrestawra dak il-bilanc ġust bejn l-interess privat u l-interess generali kif trid il-ligi.
Il-kumpens li ser jinghata ser jigi likwidat mill-Qorti “arbitrio boni viri” u f’dan ir-rigward ser tinghata konsiderazzjoni lill-valur tal-immobbli, kemm ghadda zmien minn meta ttiehed il-fond u ma nghata ebda kumpens xieraq, it-telf ta’

tgawdija tal-fond fl-istess periodu, il-lokalita' fejn kien jinsab il-fond, l-istat tal-istess fond u r-raguni ghalfejn ittihed il-fond. Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-kumpens ghandu jigi likwidat fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25000).

Ir-rikorrenti qed titlob ukoll li jigi dikjarat li l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88) tivvjola l-artikolu 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jigi ribadit li l-Istat għandu s-setgħa li jieħu pussess ta' oprjetà privata, pero meta jagħmel hekk huwa vinkolat bil-liġijiet u bil-kondizzjonijiet stipulati fl-istess ligijiet. Jekk l-imsemmija kondizzjonijiet jiġu rispettati, u ċioe' li t-teħid tal-proprjetà ikun għal skop pubbliku, ikun fl-interess ġenerali u jkun hemm il-ħlas ta' kumpens ġust u xieraq, l-individwu ma jsofriex piż eċċessiv u sproporzjonat.

Fir-rigward ta' din il-parti tat-talba, fejn qed tintalab dikjarazzjoni li l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88) tivvjola l-artikolu 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, ghandu jigi precizat li r-rikorrenti ma indikatx liema parti ta' dan il-Kapitolu hi tikkonsidra li hi kontra l-Kostituzzjoni u kontra l-Konvenzjoni. Ma giex specifikat liema huma l-artikoli li ghandhom jigu ritenuti u konsidrati li jmorru kontra d-Dritijiet Fundamentali tal-Bniedem. Ghar-rigward ta' din l-istess talba r-rikorrenti ma pproducit ebda prova u inoltre lanqas biss  ghamlet accenn ghall-istess talba fin-nota ta sottomissjonijiet finali taghha. Barra minn hekk, kif intqal, L-Istat għandu jkollu s-setgħa li jirregola l-usu tal-proprjeta anke dik privata. Ghandu jkollu ukoll is-setgha li jieħu l-pussess ta' proprjetà pero meta jagħmel dan, ovvjament, huwa marbut bil-liġijiet u bil-kundizzjonijiet stipulati fl-istes ligijiet. F'kaz biss li dawn il-kondizzjonijiet jiġu rispettati jista jinghad li l-proprjeta' privata tkun ittiehdet b'mod regolari u legittimament. B'dan il-mod jigi ukoll assikurat li l-individwu ma jsofriex piż eċċessiv u sproporzjonat.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-imsemmi agir u l-imsemmija mizuri mehudha mill-intimati b'mod partikolari n-nuqqas ta' kumpens adegwat jiksru d-dritt fondametali tar-rikorrenti ta' proprjeta' u cioe' l-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement tordna li l-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somm ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25000) bhala kumpens ghall-imsemmija lezjoni fid-drittijiet fondamentali sofferta mir-rikorrenti u dan bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. Tichad it-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-intimati u kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4) mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------